MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 147/2007

Il-Pulizija
(Sgt. Maggur 1452 N. Scicluna)
Vs
Tarcisio Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 t'Ottubru, 2006, ghall-habta tat-3.00 hrs u fil-granet ta' qabel, fi Vjal l-Indipendenza, Mosta :
1. bhala sid tal-vettura nru. FAB-347 ta' ghamla "Toyota" espona ghall-bejgh l-imsemmija vettura fit-triq minghajr licenzja ta' l-Awtorita' kompetenti;
2. bhala persuna li fthemet jew accetat li tixtri jew tbiegh, skrappja jew xort'ohra nehha jew ittrasferixxa lil persuna ohra l-imsemmija vettura nru. FAB-347 ta' ghamla "Toyota", naqas li jaghti avviz bil-miktub, fi zmien sebat'

ijiem lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta' l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu, 2007 li biha, wara li rat ir-Regolament 29 tal-Avviz Legali 476/2004, l-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 441 u l-Artikolu 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 t'April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mit-tieni akkuza, w minflok issib lill-appellat hati tat-tieni akkuza w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellat li kien jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellat mit-tieni akkuza a bazi li l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li kien hemm nuqqas ta' tali avviz ta' trasferiment il-ghaliex il-provi urew xort'ohra. Il-provi li ressqet il-quddiem il-prosekuzzjoni sabiex tissustanzja tali akkuza kienu l-affidavit tas-surgent tal-Pulizija 698 S. Tabone li fih hemm imnizzel li l-appellat ammetta mieghu li l-vettura kienet tieghu w li ma kienx ghadu ghamel tali transfer hekk kif rikjest mill-ligi w li effettivament din kienet qeghda tghajjat lil terz certu Emmanuel Grima, u li r-rappresentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta qal bil-gurament li din il-vettura kienet qeghda rregistrata mal-Awtorita' bhal vettura propjeta' ta' Emmanuel Grima. Ghalhekk l-apprezzament ta' provi maghmul mill-Ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat u bl-ebda mod ma' jista' qatt jintqal

li din id-decizjoni kienet wahda regjonevolment u legalment tajba.

Semghet ix-xiehda ta' Brian Farrugia , in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport;

Rat l-affidavit ta' PS 698 S. Tabone esebit fl-atti processwali;

Rat  il-verbal li bih l-appellant irrimetta ruhu ghall-appell tal-Avukat Generali w ammetta li l-vettura in kwistjoni kienet tieghu u li ma kienx ghamel it-transfer taghha kif suppost;

Ikkonsidrat;

Peress illi mill-provi mismugha jidher assodatt illi l-appellat naqas li jaghti avviz bil-miktub tat-transfer tal-vettura li kienet fil-pussess tieghu u li hu kien addirittura ammetta l-hija tieghu mas-surgent tal-Pulizija li investiga l-kaz, u li ghalhekk l-apprezament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti kien manifestament zbaljat fic-cirkostanzi, jidher li l-appell tal-Avukat Generali huwa pjenament fondat u ghalhekk qed jigi milqugh.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha lliberatu w tirrevokaha fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni w minnha lliberatu w minflok issib lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni w cioe’ li bhala persuna li ftehmet jew accettat li tixtri jew tbiegh, skrappja jew xort’ohra nehha jew ittrasferixxa lill-persuna ohra l-imsemmija vettura numru FAB 347 ta’ l-ghamla Toyota, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar il-bidla tas-sid jew tat-twellija tal-imsemmija vettura w, wara li rat ir-regolamenti 29 u 51 tal-Avviz Legali 476/2004,  u l-art. 26 tal-Kap. 65 , tikkundannah ghal hamsin lira Maltin (LM50) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------